MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 598/2011

**JOSIES BATHROOM CENTRE LIMITED** (C-1952)

**vs**

**PDK DEVELOPMENTS LIMITED** (C-31831)

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-23 ta' Ġunju, 2011, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra s-soċjeta' attriċi talbet li l-Qorti:

a) Taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

b) Tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha s-somma ta' tmienja u għoxrin elf erba' mija u erbgħa u sittin euro (€28,464) rappreżentanti l-prezz ta' madum tal-kmamar tal-banju, aċċessorji u *sanitary ware,* lilha mibjugħa u konsenjati, u kif ukoll l-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma;

Rat illi l-atti tar-Rikors u l-Avviż tas-Smigħ ġew debitament notifikati lis-soċjeta' intimata li naqset li tipprezenta Tweġiba Maħlufa iżda dehret quddiem il-Qorti permezz ta' rappreżentant taghha u avukat li deher għalih;

Rat in-nota mressqa mis-soċjeta' attrici waqt is-smigħ tat-18 ta' Ottubru, 2011 li biha rriduċiet it-talba għal tlettax-il elf erba' mija u erbgħa u sittin euro (€13,464) stante ħlas akkont fil-mori tal-kawża;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Rat in-Nota mrressqa waqt is-smigħ tal-lum mill-avukat tal-kumpannija mħarrka li biha ammettiet it-talba attriċi kif imnaqqsa;

Għal dawn ir-raġunijiet u fil-kontumaċja tas-soċjeta' mħarrka, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel t-talba** tas-soċjeta' attriċi u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

**Tilqa' t-tieni talba** tas-soċjeta' attriċi limitatament għas-somma ta' €13,464 rappreżentanti l-prezz ta' bejgħ tal-oġġetti fuq imsemmija; u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li jibdew jgħaddu b'seħħ mit-23 ta' Ġunju, 2011; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka thallas **l-ispejjeż tal-kawża,** sal-jum tal-ħlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------